MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1583/2001/1

**Josef Farrugia**

**Vs**

**Thomas Tanti**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-28 ta’ Settembru, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta illi fit-23 ta’ Jannar, 2000, sehh incident awtomobilistiku f’*Pieta Seafront, Pieta’*, liema incident sehh unikament minhabba imprudenza, nuqqas ta’ tharis tar-regolament tat-traffiku, u negligenza da parti l-konvenut;

Ippremetta illi bhala rizultat ta’ dan l-incident, l-attur, flimkien ma’ terzi, sofra griehi gravi f’partijiet differenti ta’ gismu, konsistenti f’dizabilita’ permanenti, kif ccertifikata minn diversi specjalisti li kkuraw lill-attur;

Ippremetta illi ghalhekk konsegwentement l-attur sofra danni konsistenti f’*lucrum cessans* u *damnun emergens.*

Ippremetta illi l-konvenut (notifikata lill-kumpanija assikurattrici), gie interpellat, anke permezz ta’ ittra ufficcjali, huwa baqa’ inadempjenti.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-attur sofra danni bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta’ Jannar, 2000;

2. Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, minhabba imprudenza, nuqqas ta’ tharis tar-regolament tat-traffiku, u negligenza ta’ l-istess konvenut;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

4. Tordna lill-konvenut ihallas id-danni sofferti mill-attur hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficcjali, u bl-imghax legali minn notifika ta’ l-istess ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv da parti l-konvenut, kontra l-istess konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

1. Illi l-incident imsemmi fic-citazzjoni gara minhabba <u>force majeure</u> billi kienet nizla ix-xita u l-karrozza misjuqa mill-konvenut skiddjat u b’dan il-mod gara l-incident.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghal dak li gie sottomess fil-paragrafu precedenti il-kumpanija assikuratrici tal-eccipjent kienet, bla pregudizzju, ghamlet

tentattivi ta’ arrangament mal-attur izda minhabba l-pretenzjonijiet ezagerati u infondati avanzati minnu, dawn it-tentattivi bla pregudizzju sfaw fix-xejn.

Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Mejju, 2002, li in forza tieghu inhatru bhala esperti medici *Dr. Anthony Galea Debono* u *Dr. John Pace Balzan* sabiex jirrelataw dwar id-dizabilita’ permanenti allegata mill-attur;

Rat ir-rapporti tal-esperti medici, dak ta’ *Dr. Anthony Galea Debono* ipprezentat fl-24 ta’ Settembru, 2003, u mahtuf fl-4 ta’ Dicembru, 2003, u dak ta’ *Dr. John Pace Balzan* ipprezentat fit-28 ta’ Ottubru, 2003, u mahluf fid-9 ta’ Dicembru, 2003;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta’ Jannar, 2000, waqt li l-attur kien passiggier fil-karozza numru *TOM 512* misjuqa mill-konvenut *Thomas Tanti.* Fil-karozza kien hemm, *oltre* l-konvenut li kien qed isuq, certu *Hector Vella* fil-*passenger seat* ta’ hdejn il-konvenut, u, fuq wara, zewgt ihbieb ohra, *Stephen Farrugia* u l-attur. Il-hbieb iltaqghu ghal habta tal-10.15pm bil-hsieb li jmorru *Paceville*. Sakemm marru *Paceville* ma nqalghux incidenti, u l-konvenut kien qed isuq bi *speed* normali. Hekk kif waslu *Paceville,* il-konvenut waqqaf il-karozza, fetah il-*bonnet* u hareg bolt mill-magna. Meta

*Hector Vella* staqsieh x'ghamel, il-konvenut qallu li dak mhu xejn, u nehha l-*bolt "biex il-karozza tkun tista' tigri aktar"*. Minn *Paceville* telqu, bil-konvenut isuq bi *speed* qawwi, tant li meta waslu tas-*Sliema*, kien hemm ragel qieghed jaqsam u bil-qata' waqa' fuq il-bankina. Kemm *Stephen Farrugia,* kif ukoll *Hector Vella*, bdew jghidu lill-konvenut biex inaqqas is-*speed*, izda l-konvenut ma riedx u, anzi, irrimarka li kien qed ihossu bhal *Schumacher.* Il-passiggier *Stephen Farrugia* li kien riekeb fuq wara qal li seta' jara l-*speedometer* u seta' jinduna li dan kien imdawwar kwazi kollu l-isfel; il-konvenut kien, fi kliem dan ix-xhud, *"qed jiftahar"* bl-*speed* li kien ghaddej, tant li beda jincita lill-shabu biex jharsu lejn l-*speedometer* u jaraw b'kemm kien qed isuq. Hadd mill-passiggieri ma kien qed jincita lill-konvenut biex isuq bi *speed* mghagel; anzi, huma bdew jghidulu biex inaqqas il-velocita' u jsuq bi *speed* normali, izda l-konvenut ma tax kashom. Fil-fatt, tant kien qed isuq bi *speed* li, f'hin minnhom, *Hector Vella* talab lill-konvenut biex jieqaf u jinzel u dan peress li kien qed jibza; il-konvenut, *pero',* wiegbu li hu jafda fil-karozza. Meta l-karozza waslet f'tal-Pieta, waqt li l-konvenut kien qed idur *bend*, tilef il-kontroll tal-karozza u baqa' diehel f'sigra, bir-rizultat li t-tlett passiggieri, fosthom l-attur, sofrew danni personali. Meta l-partijiet kien waslu f'tal-Pieta, kienet bdiet nizla ftit ta' xita.

Il-konvenut jghid li l-incident ma sehhx tort tieghu, izda minhabba forza maggura billi kienet nizla x-xita u l-karozza misjuqa minnu skidjat.

Hu assodat fil-gurisprudenza taghna illi skid huwa fattur newtrali u la jfisser htija u lanqas in-nuqqas tieghu (ara kawza George Spiteri vs Paul Cassar et deciza mill-Prim Awla fit-30 ta' Gunju, 1993). Gie ritenut ukoll illi *"skid wehidha mhijiex la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Trid issir indagini jekk kienx hemm negligenza anticedenti jew kon-komitanti. Jekk din tirrizulta, allura hemm responsabbilita' non ostante l-iskid, jekk le l-iskid ikun imputabbli ghal inevitable accident":* Pulizija vs Alfred Attard (Vol XLVII .IV.1195).

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Kevin Caruana deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' April, 2003 il-Qorti qalet *"ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza ta' skid, jehtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-iskid dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskidd saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta sewwieq jipprova mhux biss il-fatt ta' skid bhala tali imma jipprova wkoll li l-skid saret bla ebda htija tieghu izda accidentalment b'mod li l-vettura bla htija tieghu u accidentalment saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilta' kriminali".*

Minkejja li l-kawza fuq imsemmija titratta responsabbilta' kriminali, l-argumenti huma simili hafna ghal responsabbilita' civili. Fil-fatt f'kawza deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru, 1992 fl-ismijiet Hugh P Zammit noe vs Hector Carter din il-Qorti qalet: *"huwa ben saput li skid tista' sservi ta' difiza jekk dina tkun subentaneja u mhux self inflicted, bhal per ezempju roqgha zejt f'nofs karreggjata fit-triq altrimenti nadifa, izda f'cirkostanzi fejn dina tista' tkun probabbli tenut kont il-kondizzjoni tat-triq, allura ma tibqax aktar difiza legittima jekk ma jigix pruvat li s-sewwieq uza d-diligenza kollha biex jevita' l-iskid".*

Hekk ukoll fil-kawza "Galea Debono noe vs Abela", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2003, intqal li l-kaz fortuwitu, il-forza maggura u l-istat ta' necessita' ma jehilsux mir-responsabilita' jekk ikunu precedenti minn htija ta' min ikkaguna d-danni.

F'dan il-kaz, m'hemmx dubbju fil-fehma tal-Qorti li l-allegat skid tal-karozza misjuqa mill-konvenut kienet preceduta b'sewqan traskurat u sahansitra perikoluz da parti tal-istess konvenut. Hu kien qed isuq bi *speed* qawwi u kien azzardat bizzejjed li ghid li kien qed ihossu sewwieq tal-karozzi ta' *Formula One,* u qabbel lilu nnifsu mal-*World Champion* ta' din it-tip ta' tigrija, *Michael Schumacher.* Kif anke xehed *Hector Vella,* il-konvenut ftahar li ried iwassal l-*speedometer* sa tarfu, jigifieri sa 180 kilometru, u dan l-atteggjament tal-konvenut iwassal lill-Qorti tqies li s-sewqan tieghu kien perikoluz, jekk mhux intenzjonalment

kriminali. Fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikjatura Kriminali, b’sentenza moghtija fil-21 ta’ Mejju, 2002, kienet sabet lill-konvenut hati ta’ sewqan traskurat u perikoluz u immultatu s-somma komlessiva ta’ Lm750 u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal tlett xhur. Ghal kull *buon fini* jinghad li, kif gie osservat minn din il-Qorti fil-kawza “Briffa vs Abela”, deciza fit-28 ta’ Marzu, 2003, ma hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f’kawza civili ta’ kopja ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti; b’dan li l-gudizzju *in sede* penali jikkostitwixxi biss wahda mill-provi, ghalkemm hi prova importanti. Meta tqies li f’dak il-mument kienet nizla x-xita, ghalkemm irxiex, l-*speed* tal-konvenut, u dana gewwa *built-up area,* ghandu jitqies bhala l-fattur importanti, jekk mhux uniku, li wassal ghall-incident. Avvolja l-konvenut jichad li kien qed isuq bi *speed* qawwi, il-Qorti hija konvinta fuq il-preponderanza tal-provi u mill-entita’ tal-hsarat, li din l-istqarrija tal-konvenut mhix attendibbli. Il-Qorti ma ssib xejn f’xhiex tista’ tezonera l-konvenut mir-responsabilita’ ghall-incident: pogga lilu nnifsu f’sitwazzjoni fejn kien qed jistieden incident, u lis-skid li ghamlet il-karozza hekk kif kienet qed timmanuvra *bend* ma kienet xejn hlief self *induced,* specjalment bil-velocita’ u l-mod perikoluz li huwa kien qed isuq il-karozza. Meta l-konvenut ghamel xi haga fil-magna biex il-karozza tkun tista’ timxi aktar, huwa pogga lilu nnifsu f’sitwazzjoni li jkollu anqas kontroll tal-karozza tieghu, u meta tqies li b’dan l-att kien qed ipoggi l-hajja ta’ tlett persuni ohra f’periklu serju, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista tissufrogah. Ghalhekk, tqies lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li fih wegga l-attur.

Bhala danni, l-attur jallega li huwa sofra dizabilita’ permanenti rizultat tal-incident. Fil-waqt li l-espert mediku *Dr. Anthony Galea Debono* ikkonkluda li l-attur ibaghti minn dizabilita’ permanenti ta’ 8%, l-espert *Dr. John Pace Balzan,* li illimita ruhu li jezamina l-imnieher tal-attur, qal li l-attur ghandu disabilita’ ta’ 5%, izda ma riedx jsehilha permanenti, ghax id-difett jista’ jitranga b’intervent zghir (*revision septoplasty).*

F’kaz bhal dan, wiehed m’ghandux jipprocedi billi tassomma z-zewg percentaggi tal-esperti medici, izda ghandu jigi adoperat dak maghruf bhala *“weighted average”*. Meta wiehed jikkomputa d-dizabilita’ totali din trid tigi konsiderata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni a priori li multiplicita’ ta’ feriti jigu komputati komplessivament. F’kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc fir-rizultanzi ta’ l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali (ara “Degiorgio vs De Crema”, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar, 2004). Dan qed jinghad ukoll peress li kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Caruana vs Camilleri”, deciza fil-5 ta’ Ottubru, 1993, *“dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta’ inkapacita’ f’sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-dannegjat”.*

Meta tqies dan il-principju u l-konkluzzjoni indikata minn *Dr. Pace Balzan,* il-Qorti tqies li jkun gust jekk taddotta *multiplier* ta’ 9%.

L-attur kellu 19-il sena meta sehh l-incident , u mehud kont ta’ kontigenzi tal-hajja futura, sejra tadotta *multiplier* ta’ 36 (ara, bhala rifless fuq il-komputazzjoni tal-*multiplier*, il-kawza “Caruana vs Camilleri”, deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Frar, 2004).

Qabel l-incident, l-attur kien jahdem *part time barman* fil-*Havanna Club* gewwa *Paceville*, u kien jaqla’ madwar Lm156 fix-xahar. Ma nghatghux dettalji dwar l-prospetti futuri ta’ l-attur u lanqas il-livell tal-edukazzjoni tieghu, *pero’*, ma jidhirx li hi persuna li se tkun taqla wisq izjed mill-*minimum wage.* Meta tqies dan, kif ukoll il-fatt li l-*minimum wage* soltu tghola kull sena, u l-medda twila ta’ snin li l-attur ghandu quddiemu bhala hajja lavorattiva, il-Qorti sejra tahdem fuq dhul annwali ta’ Lm5,500, li minnhom la ghandu jsir tnaqqis minhabba l-*Income Tax* (ara “Muscat vs Schembri”, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Jannar, 1972), u lanqas ta’ *PAYE* jew ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ nazzjonali (ara “Caruana vs Farrugia”, deciza minn din il-Qorti fit-23 ta’ Novembru, 1983).

Ghalhekk, il-kumpens dovut lill-attur ghandu jinhadem hekk:

Lm5,500x36x9%=Lm17,820

Peress li l-incident sehh fl-2000, u s-sentenza qed tinghata erba snin wara, ghandha ssir deduzzjoni ta’ 16% minhabba *lump sum payment*. B’hekk, il-kumpens dovut jinzel ghal Lm14,969.

Jigi osservat, ghal kull *buon fini*, li ghalkemm l-attur baqa’ attiv fix-xoghol wara l-incident, dan mhux ostakolu ghal ghoti ta’ kumpens bhala *lucrum cessans.* Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Magro vs Busuttil”, deciza fid-9 ta’ Dicembru, 1982, il-fatt hu li wara l-incident, l-attur gie prekluz jaghmel xoghol li kien ikun jista’ jaghmel kieku ma korriex, u ghal, dan it-telf hu ghandu jigi kkumpensat. Fl-istess sens hija d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “Gatt vs Carbone noe”, deciza fis-7 ta’ Lulju, 1998, fejn inghata kumpens lid-dannegjat avvolja dan baqa’ fl-istess xoghol, u addiritura zied fis-salarju, (ara wkoll “Zerafa vs Sacco”, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta’ Ottubru, 2003).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tichad l-eccezzjonijiet, tilqa’ t-talbiet tal-attur kif dedotti, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm14,969 (erbatax il-elf disa’ mija u disa’ u sittin liri Maltin) *in linea* ta’ danni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------